Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 236/2015

Il-Pulizija

Vs

Anthony Seisun

Illum 13 ta' Lulju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Anthony Seisun detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 412870M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax xhur mit-30 ta' Awwissu, 2013 sa 30 ta' Awwissu, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Priscilla Seisun u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383(z) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu erba' xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Seisun, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament u fl-eventwalita' illi l-Qorti ssib htija tirriformha kwantu ghal-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

9. Illi l-esponenti qed ihossu aggravate b'din is-sentenza u qed jinterponi dan l-appell.
10. Illi fl-ewwel lok u in liena preliminary, l-appellant jissottometti li s-sentenza moghtija hija nieqsa milli tghid l-artikolu li tieghu huwa gie misjub hati u dan inter alia ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9 li jghid:

> *'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'*

11. Illi in oltre kif jirrizulta mill-komparixxi, li qeghda tigi annessa, s-sentenza tghid biss is-segwenti kelmiet u cioe' 'erba' xhur prigunerija' minghajr l-ebda dikjarazzjoni ta' htija o meno tal-imputata u lanqas ma huma ndikati l-artikoli tal-ligi li taghhom gie misjub hati l-appellant.
12. Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Puliziaj vs Emanuel Azzopardi et fejn intqal illi:

> *'Skond gurisprudenza pacifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wiehed ir-rekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodici, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skond il-kaz. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'.'*

13. Illi in oltre, s-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs George Camilleri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Gunju, 1995, l-Qorti kkonkludiet illi:

> *'l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja, gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita' tas-sentenza appellata w is-smiegh mill-gdid fil-mertu tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi kodici.'*

14. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-Ewwel Qorti skartat id-difiza li qajjem ir-rikorrenti tal-impossibilita' tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt. Illi l-principju legali ad Impossibilia Nome Tenetur ghandu japplika fil-kaz odjern. Minkejja l-fatt illi l-kuntratt kien ghadu mhux varjat u b'hekk il-klawzoli tieghu ghadhom jorbtu, il-fatt illi r-rikorrenti spicca maqful il-habs minghajr ebda possibilita' li jaqla l-flus sabiex ikun jista' jhallas il-manteniment, jaghmel l-ezekuzzjoni tal-kuntratt impossibli.
15. Illi barra minn hekk is-sentenza (mhux ufficjali) prezentata mill-appellant lill-Ewwel Qorti turi illi l-kuntratt ta' firda personali sar ezegwibbli mill-gdid fis-17 ta' Marzu, 2015. B'hekk qabel din id-data, partikolarment fid-data tal-akkuza, dan il-kuntratt ma kienx ezegwibbli. In vista ta' dan l-appellant ma kienx obbligat li jaghti l-manteniment stipulat sante l-kuntratt ma kienx ezegwibbli.
16. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif ukoll tal-ligi ghas-segwenti ragunijiet:
17. L-artikolu 338(z) li tieghu l-appellant jassumi li nstab hati jghid testwalment hekk: '*meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma*'. B'hekk l-elementi tar-reat in dizamina u li jridu jigu ppruvati mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi f'kawzi kriminali huma tlieta (3) u cioe':

1. Illi l-appellant huwa marbut b'kuntratt jew b'ordni tal-Qorti;
2. Illi l-appellant huwa ordnat li jhallas somma determinata bhala manteniment; u
3. Illi l-appellant naqas milli jaghti din is-somma fi zmien hmistax il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

18. Illi jigi umilment sottomess illi skodn id-duttrina nostrana, fil-kamp kriminali, il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, u f'dan il-kaz quddiem l-Ewwel Qorti, **l-ebda prova ma ngabet ta' l-obbligi tal-appellant billi ma giex ezebit kuntratt ta' separazzjoni jew ordni tal-Qorti.**

19. Illi l-elementi tar-reat li dwaru l-appellanti qieghe jinterponi dan l-umli appell skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif espressa fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Raymond Cutajar' deciza fit-2 ta' Settembru, 1999 huma:-

"*ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu 338(z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova:*

1. *Li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (**billi ggib kopja legali tad-digreit bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva).***
2. *Li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma'.*

20. Illi di più l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 638 subinciz (1) jghid illi '*bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha w sodisfacjenti illi l-kaz ikun jaghti....*'

21. Illi l-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn dejjem insistiet li ghandha tingieb kopja legli tas-sentenza jew kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazzjoni skond il-kaz.

22. Illi fil-kaz odjern u kif inghad aktar il-fuq ma giex pprezentat kuntratt jew ordni tal-Qorti.

23. Illi ghaldaqstant f'dan il-kaz allura l-ewwel zewg (2) elementi tar-reat li dwaru l-appellant nstab hati ma gewx ippruvati.
24. Illi aggravju iehor tal-appellant jirrgwarda l-fatt illi l-appellant diga' nstab hati tal-akkuzi mressqa kontrih.
25. Illi l-appellant qed jibbaza d-difiza tal-autrefois convict fuq il-fatt illi fis-17 ta' Novembru, 2014 mart l-appellant dahlet rapport l-ghassa ta' Birkirkara fejn infurmat lill-Pulizija li sa dakinhar l-appellanti kien ghadu ma hallasx manteniment.
26. Illi l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta jaqra:

    '*Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi*'
27. Illi fid-dawl ta' dan l-artikolu citat, l-appellant umilment jissottometti li f' ghajnejn il-ligi huwa meqjus li kkommetta reat wiehed u dana minn Lulju, 2013 (id-data li l-ahhar irceviet manteniment il-mara tal-appellant) sas-17 ta' Novembru, 2014 (id-data li fiha l-ahhar gie rrapurtat).
28. Illi fit-2 ta' Marzu, 2015 inhargu akkuzi fil-konfront tal-appellant u fit-22 ta' April, 2015 l-appellant kien gie misjub hati talli fis-17 ta' Novembru, 2014 naqas milli jaghti manteniment lil martu u konsegwentament gie kkundannat xahar detenzjoni.
29. Illi dan l-istess reat li tieghu nstab hati l-appellant huwa l-istess wiehed li tieghu rega' gie kkundannat fis-sentenza appellata u b'hekk dan ifisser illi l-appellant gie misjub hati darbejn fuq l-istess reat.
30. Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, l-appellant jissottometti li f'kaz illi din il-Qorti ma taccettax l-aggravji surriferiti, l-piena li giet applikata fil-kaz odjern hija wahda eccessiva, u harxa u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz. L-appellant jhoss li ghandu jkun hemm temperament fil-piena li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta ta' llum jirrizulta li l-appellant hallas il-manteniment kollu dovut ghal perjodu taz-zmien indikat fl-akkuza.

Kwindi, ghalkemm tirrizulta r-reita u l-Qorti ser tikkonferma l-htija, madanakollu hemm lok ghal-temperament fil-piena.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara dik il-parti fejn l-appellant gie misjub hait ta' l-akkuzi u tirriforma l-piena inflitta u wara li rat- l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur